MDINA
*Città Notabile*

**Kunsill Lokali Mdina**

**MINUTI TAL-LAQGĦA NRU 2 TAS-SITT KUNSILL**

| | |
|---|---|
| **POST** | SALA TAL-KUNSILL |
| **DATA** | 6 ta' Awwissu 2009 |
| **ĦIN** | 3.00pm |

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Sindku | Peter Sant Manduca |
| | Viċi Sindku | Joseph Debono |
| | Kunsillier | Jane Attard |
| | Kunsillier | Camilla Scerri |
| | Segretarju | Noel Cini |
| Assenti | Kunsillier | Frederick Azzopardi |

## 1.00 APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.01 Is-Sindku fetaħ il-laqgħa billi ppropona li l-minuti jittieħdu bħala moqrija u wara staqsa lill-Kunsillieri preżenti jekk riedux iressqu xi emendi għall-minuti li kienu mibgħuta ma' l-aġenda.

1.02 Minħabba li ma kien hemm ebda tibdil, is-Sindku ppropona li dawn il-minuti jiġu approvati kif preżentati. Il-Kunsillieri preżenti qablu ma' din il-proposta.

## 2.00 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

2.01 Il-Viċ Sindku talab li jitwaħħal avviż fuq il-post fejn kien hemm il-kaxxa ta' l-ittri fejn jgħid li din ġiet trasferitha temporanjament minħabba xogħol ta' manutenzjoni fuq l-istess kaxxa ta' l-ittri.

2.02 Is-Sindku rrefera għall-għoja ta' mitejn ewro li kien qabel li jagħmel il-Kunsill b' risq il-festa tal-Madonna tal-Karmnu, u semma l-ħsara li saret fuq il-kaptelli ta' l-arbli tal-festa, u qal li kien ser ikellem lill-Pirjol qabel ma tintbagħat din l-għotja.

## 3.00 RESPONSABBILTAJIET TAL-KUNSILLIERI

3.01 Is-Sindku ippropona li r-responsabbiltajiet tal-Kunisllieri jkunu kif jidher hawn taħt:

3.02 Sindku – Finanzi, Amministrazzjoni Generali, MRP, Pulizija, Wardens, Kumitati Konġunti, Kuntratti - (Gonna Pubbliċi, Latrini Pubbliċi, Tindif u Gbir ta' Skart), u Servizzi - (Telefon, Cable TV, Drenaġġ, WSC u Enemalta).

3.03 Viċi Sindku – ADT, Bye Laws, Traffic Management, u Karozzini.

3.04 Kunsillier Azzopardi – Proġetti Kapitali, Trasport Pubbliku, Gemellaġġi, u MEPA.

3.05 Kunisllier Attard – Dwal tat-Toroq, Hwienet, Attivitajiet Soċjali, MTA, Inizjattivi u Skemi Oħra.

3.06 Kunisllier Scerri – Fondi u Proġetti mill-Unjoni Ewropea, MEUSEC, Website, Attivitajiet Kulturali, Sport u Rikreazzjoni.

3.07 Il-Kunisllieri preżenti qablu mar-responsabbiltajiet kif ġew imqassma.

## 4.00 RISPOSTA GHALL-MANAGEMENT LETTER

4.01 Saret diskussjoni qasira dwar dak li kien inkiteb fil-Management Letter li ħareġ l-awditur. Is-Segretarju reġa' tenna l-importanza li x-xogħol ikun kopert bl-approvazzjoni tal-Kunsill kif ukoll permezz ta' works order wara li jkunu nġiebu l-istimi meħtieġa kif jitolbu il-Proceduri Finanzjarji tal-Kunsilli Lokali.

4.02 Is-Sindku ppropona li d-draft reply li kien għamel is-Segretarju kellha tiġi approvata mill-Kunsill. Kien hemm qbil dwar dan u għalhekk ir-risposta ġiet approvata kif preżentata.

## 5.00 KORRISPONDENZA

5.01 Ittra mill-Onor George Pullicino sabiex il-Kunsill jaħtar ir-rappreżentant tiegħu fuq il-Kumitat għar-Riabilitazzjoni ta' l-Imidna. Il-Kunsill qabel li jinnomina lis-Sindku bħala membru u lill-Viċi Sindku bħala sostitut.

5.02 Talba mis-Sezzjoni tat-Traffiku u l-ALE sabiex issir laqgħa mal-Kunisll fis-26 ta' Awwissu 2009 fid-9.00am. Il-Kunsill qabel li din il-laqgħa kellha ssir.

5.03 Ittra indirizzata lis-Sindku u l-Viċi Sindku mill-Onor Chris Said dwar laqgħa ta' informazzjoni dwar numru ta' inizjattivi li qed jittieħdu mis-Segretarjat tiegħu.

5.04 Avviż mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar il-Laqgħa Plenarja li ser issir is-Sibt, 5 ta' Settembru 2009 fil-Lukanda Dolmen.

5.05 Ittra mill-MTA dwar attivita` fl-Imidna biex jitfakkar il-Jum Dinji tat-Turiżmu fis-26 ta' Settembru 2009. Il-Kunsill qabel ma' din l-attivita` biss it-tneħħija ta' vetturi minn Misraħ San Pawl tiġi kkoordinata mill-MTA u l-Pulizija.

5.06 Memo 42/2009 - Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2010. Is-Sindku kien ħa ħsieb li jimla din l-applikazzjoni relatata ma' l-attivita` Medieval Mdina 2010. Hu weigħed li ser jgħaddi kopja lill-Kunsill.

5.07 Kopja ta' ittra mibgħuta lill-Pulizija mis-Sur Rudolph Grima dwar talba hħal permess għal daqq ta' live music fuq barra.

5.08 Applikazzjoni dwar il-Premju Anzjan tas-Sena 2009. Il-Kunsill qabel li jinnomina lill-Kunsillier Jane Attard għal dan il-premju.

5.09 Invit dwar parteċipazzjoni fi quiz dwar l-Ewropa u affarijiet relatati.

5.10 Kwistjonarju mibgħut mis-Sinjorina Beverly Micallef, studenta ta' l-Universita` ta' Malta.

5.11 Avviż dwar Kampanja ta' Tindif imnedija mis-Segretarjat Parlamentari responsabbli mid-Djalogu u Konsultazzjoni Pubblika.

5.12 Ittra dwar Roadshow organizzat mill-MEUSEC u l-Kummissjoni Ewropea. Il-Kunsill qabel li jissuġġerixxi li dawn joqgħodu ħdejn il-bandi u mhux fejn ipproponew huma, u dan minħabba li hemm huwa frekwentat aktar mill-pubbliku f' dawn iż-żminijiet.

5.13 Ittra ta' ringrazzjament mill-Art Club 200 u talba sabiex tinżamm wirja oħra bejn is-6 u l-14 ta'Gunju 2010. Il-Kunisll aċċetta din it-talba u qabel li jitlob donazzjoni ta' 150.00ewro.

5.14 Numru ta' talbiet mill-Lukanda Xara Palace sabiex jagħmlu użu minn Misraħ il-Kunsill għal attivitajiet ta' ikliet u tiġijiet. Il-Kunsill qabel li jitlob donazzjoni ta' 350.00 ewro meta jkun hemm tieġ u 200.00 ewro meta tkun ser issir ikla.

## 6.00 AFFARIJIET OHRA

6.01 Il-Kunsill qabel li ssir mera żgħira tat-traffiku quddiem Triq San Pietru fi Triq Villegaignon..

6.02 Il-Kunsill qabel li jiġi nfurmat is-Sur Mario Rogers dwar il-ħsara li hemm fil-pompa ta' l-ilma fil-latrini pubbliċi.

6.03 Il-Kunisll qabel li jitlob stima lis-Sur Anton Zarb dwar xi reċipjenti biex fihom jintrema' c-chewing gum.

6.04 Il-Kunsill qabel li tinkiteb ittra lill-Prim Ministru dwar l-istat li tinsab fih Ghajn Hamam.

6.05 Il-Kunsill qabel li f' Awwissu tiġi organizzata ħarġa għar-residenti għall-Malta Experience fil-Belt Valletta. Il-Kunislier Scerri ġiet inkarigatha torganizza din il-ħarġa.

6.06 Il-Kunsill qabel li bħal snin oħra jiġi organizzat il-BBQ u kien miftiehem li dan isir nhar il-Gimgħa, 18 ta' Settembru 2009. Il-Kunsill qabel li jitkellem mal-Point De Vue dwar dan.

6.07 Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li l-kumpnaija GO plc kienet bagħtet l-ammont ta' 3,000.00 ewro bħala parti mill-isponsorship tal-Medieval Mdina.

6.08 Is-Sindku qal li l-Lufthansa kienu nteressati li jirranġaw il-Casino Notabile u ssuġġerixxa li jsir rapport aktar aġġornat dwar il-ħsarat li hemm f' dan il-bini. Il-Kunsill iddeċieda li jitlob lill-Perit Norbert Gatt sabiex jara jekk kienx interessat li jagħmel dan ir-rapport.

6.09 Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill għall-Memo 47/2009 dwar Ftuħ tal-Uffiċini Amministrattivi tal-Kunsilli Lokali nhar ta' Sibt u qal li kemm huwa kif ukoll l-iskrivan ma kienux interssati li jidħlu jaħmdu s-Sibt u għalhekk issa kien il- waqt li l-Kunsilll jimpjega persuna fuq bażi part time biex tagħmel xogħol klerikali u taħdem ukoll nhar ta' Sibt.

## 7.00 APPROVAZZJONI TA' HLASIJIET GHAX-XHAR TA' LULJU 2009 U WORKS' ORDERS

7.01 Is-Segretrau talab l-approvazzjoni ta' ħlasijiet għax-xhar ta' Lulju 2009 li tinkludi wkoll lista ta' ħlasijiet b' konnessjoni ma' l-attivita` Medieval Mdina.

7.02 Is-Segretraju talab ukoll l-approvazzjoni għal dawn l-istimi ta' xogħol:

- Stima dwar xogħol ta' żebgħa ta' linji tat-toroq fiż-żona ta' ħdejn il-football ground fil-foss li tammonta għal 537.01 ewro;
- Stima dwar xogħol ta' żebgħa ta' parking bays fil-car park fil-foss li tammonta ghal 525.20 ewro;
- Stima dwar xogħol ta' żebgħa ta' linji tat-toroq fiż-żona mill-Mina tal-Griegi l-isfel li tammonta għal 1,014.41 ewro;
- Stima dwar xogħol ta' żebgħa ta' linji tat-toroq mir-rumble stips íl fuq fi Triq l-Għarreqin li tammonta għal 945.00 ewro;
- Stima dwar xogħol ta' dwal fl-Imdina li tammonta għal 990.00 ewro;
- Stima dwar tindif u qtugħ ta' ħaxix u siġar fi Triq l-Għarreqin li tammonta ghal 390.00 ewro (W/O 28/09);
- Stima dwar tindif u qtugh ta' ħaxix u siġar fuq il-pont ta' l-Imtarfa u Triq l-Istazzjon li tammonta għal 1050.00 ewro (W/O 29/09).

## 8.00 AGGORNAMENT

8.01 Is-seduta ġiet fi tmiemha fis-5.30pm minħabba li l-items ta' fuq l-aġenda ġew kollha eżawriti.

Peter Sant Manduca
Sindku

Noel Cini
Segretarju Eżekuttiv